**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 244/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Jesmond Portelli**

**Illum 16 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Jesmond Portelli, iben Nazzareno u Mary Grace neè Schembri, imwieled il-Pietà fil-5 ta' Marzu 1985 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 162085(M), talli nhar it-3 ta' April 2022 għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn is-2:00p.m. u t-3:00p.m., ġewwa l-Ħamrun:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba tiegħu Maria Meilak f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi, fuq persuntha, hekk kif iċċertifikaw Dr. Adrian Cordina, Med. Reg. Nru. 2641, u Dr. Adriana Grech, Med. Reg. Nru. 4268;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Jesmond Portelli a benefiċċju ta' Maria Meilak u l-familjari tagħha, u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex b'każ ta' ħtija, il-Qorti: (ii) tipprovdi għall-persuna ta' Maria Meilak jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Jesmond Portelli billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq.* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Jesmond Portelli b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq; u (iii) tikkundanna lil Jesmond Portelli għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 2 sa' 21 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Adrian Cordina mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2022[2] u x-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Mejju 2022[3] u tat-18 ta' Lulju 2022[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "EM1" sa' Dok. "EM6" a fol. 36 sa' 41 tal-proċess, semgħet lil Maria Meilak tiddikjara li hija mhux se tixhed f'dawn il-proċeduri[5] u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Robert Patiniott[6] u ta' Dr. Adriana Grech[7] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Awwissu 2022[8], li biha bagħat lil Jesmond Portelli sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 218(1), 218(2), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022[9], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li nqraw l-Artikoli u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022, l-imputat iddikjara li ma għandux provi x'jressaq u li hu mhux se jixhed f'dawn il-proċeduri;

Rat li fl-imsemmija seduta tas-27 ta' Ottubru 2022, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu li dawn il-proċeduri jistgħu jitħallew għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-3 ta' April 2022 għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn is-2:00p.m. u t-3:00p.m., ġewwa l-Ħamrun: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba tiegħu Maria Meilak f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi, fuq persuntha, hekk kif iċċertifikaw Dr. Adrian Cordina, Med. Reg. Nru. 2641, u Dr. Adriana Grech, Med. Reg. Nru. 4268.

[1] Fol. 31 tal-proċess.
[2] Fol. 32 u 33 tal-proċess.
[3] Fol. 34 u 35 tal-proċess.
[4] Fol. 60 u 61 tal-proċess.
[5] Seduta tat-30 ta' Mejju 2022, fol. 42 tal-proċess.
[6] Fol. 56 u 57 tal-proċess.
[7] Fol. 58 u 59 tal-proċess.
[8] Fol. 66 tal-proċess.
[9] Fol. 67 tal-proċess.

L-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Awwissu 2022[10], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 218(1), 218(2), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Maria Meilak**[11], l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri, għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri.

Ix-xhieda l-oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni huma l-Ispettur Eman Hayman, Dr. Adrian Cordina, Dr. Adriana Grech u Dr. Robert Patiniott.

**L-Ispettur Eman Hayman** xehed illi *jiena kont qiegħed xogħol ta' l-għassa fid-data tat-3 ta' April ta' din is-sena u kont ġejt infurmat illi ċerta Maria Meilak kienet ġiet meħuda l-Isptar Mater Dei. Jidher illi l-Pulizija li kienu marru fuq il-post tal-Ħamrun infurmawna illi jidher li kien hemm argument iżda dan l-argument ma kienux rawh quddiemhom qed isir u dak li nzertaw huma kien proprju lil Jesmond Portelli, li jien qed naghraf hawnhekk bħala l-imputat, kif ukoll lil Maria Meilak illi kienu qegħdin jiskambjaw xi tip ta' għajjat fil-konfront ta' xulxin, ikkalmaw is-sitwazzjoni, isseparaw il-partijiet u proprju minnufih l-istorja spiċċat. Iżda Maria kellha xi ġrieħi fuq wiċċha. Meta kienet ġiet mitkellma imbagħad mill-Pulizija tad-Domestic Violence Unit, dak illi kien seħħ huwa li kienu ħarġu f'dik il-ġurnata flimkien, kienet il-ġurnata tal-Ħadd, filgħodu qabel marru x'imkien Ħaż-Żabbar, kienu on the way sabiex imorru għand oħt Jesmond u jidher li kien hemm xi argument u proprju kellna żewġ verżjonijiet, fejn min-naħa ta' Maria, hi ma riditx tmur għand oħt Jesmond peress li kellha xi kwistjoni u waqt li kienet qiegħda bilqiegħda, f'daqqa waħda, f'salt, qalgħet diversi daqqiet fuq wiċċha. Min-naħa l-oħra mbagħad, issa jien qed nitkellem lil hemm mill-verżjoni ta' Maria, meta ġie interrogat Jesmond Portelli kien qal illi waqt li kien qed isuq, kienu l-Ħamrun, jiġifieri bħala post qbilna, ħass diversi daqqiet illi ma iddeċifrax x'inhuma imma ħass li kienu t-takkuna tagħha u proprju kien inqala' dan l-argument. Meta aħna rajna ċ-ċertifikati mediċi li kienu saru, irriżulta li Maria Meilak kienet qed issofri minn ġrieħi ħfief. Min-naħa l-oħra Jesmond Portelli qal li kellu xi daqqiet f'wiċċu wkoll u proprju jiena għandi l-bodycam footage tal-Pulizija li waslu fuq il-post* - Dok. "EM1" a fol. 36 tal-proċess - *li ser juru dan illi sabu fuq il-post, kif ukoll xi ritratti ta' Jesmond Portelli tal-ġrieħi tiegħu* - Dok. "EM2" sa' Dok. "EM6" a fol. 37 sa' 41 tal-proċess[12].

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022[13], l-Ispettur Eman Hayman essenzjalment ikkonferma dak li skond l-informazzjoni li kellu, seħħ bejn l-imputat

---

[10] Fol. 66 tal-proċess.
[11] Seduta tat-30 ta' Mejju 2022, fol. 42 tal-proċess.
[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 Mejju 2022, fol. 34 u 35 tal-proċess.
[13] Fol. 60 u 61 tal-proċess.

u Maria Meilak u kkonferma wkoll li dan kollu jirriżulta mill-filmat tal-bodycam tal-Pulizija li rrikorrew fuq il-post fejn kienu l-imputat u Maria Meilak. Żied jgħid illi *ż-żewġ individwi ma jgħixux ma' xulxin u dakinhar kien ġie ddikjarat minn naħa ta' Jesmond u minn naħa ta' Maria li din ir-relazzjoni, f'dak iż-żmien, kienet qiegħda ħażin u kienet qisha the last straw, issa ma nafx x'ġara, u proprju ma kienux ħa jiffrekwentaw lil xulxin aktar. Ingħata Police Bail, għall-Police Bail Jesmond ġie u eventwalment kont kellimtu, infurmajtu bl-akkużi li ħa jinħarġu, inħarġu biċ-ċitazzjoni. ... Jesmond Portelli kellu claim, għax hi ħarġet minn karozza u mhux mill-karozza tagħhom, li hu riedhom li jkunu bħala xhieda lil dawn in-nies, il-Pulizija li marru fuq il-post din l-informazzjoni ma ġabruhiex u saru diversi tentattivi. Ovvjament mill-verżjoni li ħarġu t-tnejn li huma, fl-ebda ħin ma kien hemm swat meta kienu qegħdin barra mill-karozza. Fiż-żewġ verżjonijiet intqal li kienu kollha ġol-karozza, u l-persuni l-oħra li kienu ndikati li qed isuqu warajhom, kienu warajhom jiġifieri ma kienx hemm dak ix-xhud okulari li qed jara dik id-daqqa quddiem wiċċu. Saru tentattivi però ma rnexxiex.*

L-Ispettur Hayman ikkonferma li: (i) id-dokument a fol. 2 tal-proċess huwa estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, (ii) id-dokument a fol. 3 sa' 10 tal-proċess hija il-fedina penali ta' l-imputat, (iii) id-dokumenti a fol. 11 u 12 tal-proċess huma ċ-ċertifikati mediċi relattivi għal Maria Meilak; (iv) id-dokument a fol. 13 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat mediku relattiv għall-imputat; (v) id-dokument a fol. 14 u 15 tal-proċess hija l-istqarrija rilaxxata mill-imputat; (vi) id-dokument a fol. 16 sa' 18 tal-proċess huwa r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ; (vii) id-dokument a fol. 19 tal-proċess hija dikjarazzjoni ta' Maria Meilak fejn tagħti l-kunsens tagħha biex jittieħdulha ritratti; u (viii) id-dokumenti a fol. 21 tal-proċess huma ritratti ta' Maria Meilak li juru l-ġrieħi li kellha.

**Dr. Adrian Cordina**[14] kkonferma ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu relattiv għal Maria Meilak, liema ċertifikat jinsab esebit a fol. 11 tal-proċess. Fir-rigward ta' dak li irriżultalu meta nvista lil Maria Meilak, Dr. Adrian Cordina xehed *waqt l-eżaminazzjoni sibtilha uġigħ fuq il-qargħa fin-naħa tal-ġenb, nefħa fuq ħaddidha tal-lemin kif ukoll diversi nefħiet fuq il-qurriegħa, kellha girfa fuq il-ġilda ta' moħħha, kellha girfa fuq il-qurriegħa, kellha devjazzjoni ta' l-imnieħer lejn il-lemin, kellha tbenġila fuq ħaddidha tal-lemin, kellha pressjoni għolja u jiena irreferejtha l-emerġenza għal iktar testijiet*. Dr. Cordina ċċertifika l-ġrieħi li irriskontra fuq Maria Meilak bħala ta' natura ħafifa b'konsegwenzi zgħar.

**Dr. Adriana Grech**[15] ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha relattiv għal Maria Meilak, liema ċertifikat jinsab esebit a fol. 12 tal-proċess. Fir-rigward ta' dak li rriżultalha meta nvistat lil Maria Meilak, Dr. Adriana Grech xehdet illi l-eżaminazzjoni tagħha kienet b'kontinwazzjoni ta' dak riskontrat minn Dr. Adrian Cordina in kwantu huwa kien irrefera lil Maria Meilak l-Emerġenza u li wara li sarilha CT Scan irriżulta li kellha *comminuted nasal bones fracture with 2 to 3 mm depression* u kklassifikat dawn il-ġrieħi bħala gravi. Dr. Grech iddikjarat ukoll illi milli tiftakar hi, Maria Meilak kienet qaltilha li kienet ġiet aggredita.

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2022, fol. 32 u 33 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 58 u 59 tal-proċess.

**Dr. Robert Patiniott**[16] ikkonferma ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu relattiv għal Jesmond Portelli, liema ċertifikat jinsab esebit a fol. 13 tal-proċess. Dr. Patiniott iddikjara li *bħala feriti kellu ħmura ħafifa fuq in-naħa tal-lemin ta' ġbinu - on his left forehead. Girfa żgħira superfiċjali fuq in-naħa tal-lemin tal-imnieħer u fuq l-imnieħer proprju, on his nose bridge. Nefħa u tbenġila fuq ix-xifer tax-xellug tax-xoffa t'isfel. Kien qed jilmenta b'uġiegħ on the left temple area u kellu girfa madwar erba' ċentimetri wara l-widna tax-xellug. Ma kien qed jilment minn xejn iżjed sofferenzi jew feriti u n-natura huma ħfief.*

Huwa prinċipju ġuridiku assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reità ta' l-imputat*[17]. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ - prinċipalment minħabba l-fatt li l-allegata vittma Maria Meilak għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri - ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija ta' l-imputat għar-reat lilu addebitat, lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

In effetti x-xhieda kollha li xehdu f'dawn il-proċeduri ma jixhtu l-ebda dawl fuq dak li effettivament ġara bejn l-imputat u Maria Meilak dakinhar tat-3 ta' April 2022.

L-Ispettur Eman Hayman essenzjalment xehed dwar dak li rriżultalu mill-investigazzjoni tiegħu bażat fuq li qalulu Maria Meilak u l-imputat u fuq dak li raw il-Pulizija li rrikorrew il-Ħamrun, f'ħin però meta ma kien hemm ebda swat iżda biss għajjat bejn l-imputat u Maria Meilak. Apparte minnhekk Maria Meilak u l-imputat taw żewġ verżjonijiet differenti u opposti għal xulxin u għaldaqstant il-ħtieġa tax-xhieda ta' Maria Meilak f'dawn il-proċeduri assumiet ferm iktar importanza, xhieda però, jiġi ribadit, hija għażlet li ma tagħtix.

It-tobba Dr. Adrian Cordina u Dr. Adrian Grech xehdu biss dwar il-ġrieħi minnhom riskontrati fuq Maria Meilak mingħar però ma jgħidu, in kwantu ma jistgħux in kwantu ma kienux preżenti waqt l-inċident, min ikkawżalha dawk il-ġrieħi. Għalkemm Dr. Adriana Grech tgħid li Maria Meilak sofriet il-ġrieħi minnha riskontrati għaliex ġiet aggredita, din l-informazzjoni ngħatatilha mill-istess Maria Meilak u b'hekk hija sempliċement qed tirrepeti dak li qaltilha l-istess Meilak u fi kwalunkwe każ, dato ma non concesso li Maria Meilak ġiet aggredita, mix-xhieda ta' Dr. Adriana Grech ma jirriżultax min kien aggrediha. In fine Dr. Patintiott xehed dwar il-ġrieħi riskontrati fl-imputat u hawn għal darb' oħra l-istess Tabib ma jgħidx kif u come ġew ikkawżati dawk il-ġrieħi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tirribadixxi li fin-nuqqas tax-xhieda ta' Maria Meilak, li kif ingħad hija x-xhud ċentrali f'dawn il-proċeduri li però għażlet li ma tixhidx, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnha.

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 56 u 57 tal-proċess.
[17] Il-Pulizija v. Paul Grech, Criminal Appeal No. 242/00 delivered by the Court of Criminal Appeal on the 6th April 2001.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**